SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tlieta u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar l-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2010 fit-8:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

3.0 **Korrispondenza**

3.1 Ġiet trattata l-applikazzjoni tal-MEPA bin-numru 3862/10. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3.2 Il-Kunsill iddiskuta l-ittra mingħand Wasterserve Malta rigward l-organizazzjoni ta' attivitajiet marbuta mar-riċiklaġġ. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza car boot sale biex ukoll tkun marbuta mal-Community Chest Fund u wkoll mal-kampanja Lokalitajiet Indaf. Kien hemm qbil li l-attivita għandha tiġi organizzata l-Hadd 28 ta' Novembru permess biex wieħed ikun jista jieħu sehem ikun ta' €5 li jmorru kollha għal Community Chest Fund.

3.3 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Kunsill Lokali Kerċem fejn talbu sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill Lokali San Lawrenz biex jiddiskutu l-konfini. Il-Kunsill qabel li fil-passat kienu diversi t-tentattivi tal-Kunsill Lokali San Lawrenz biex jiltaqa' mal-Kunsill Lokali Kerċem biex tiġi diskussa din il-materja pero kien jidher li l-Kunsill Lokali Kerċem ma kienx interessat. F'dan il-mument il-Kunsill ma jħossx il-ħtieġa li jiftaħ diskussjonijiet għalissa fuq il-konfini.

3.4 Ġiet trattata l-ittra mingħand Dr Justyne Caruana għan-nom tas-Sur Lawrence Camenzuli fejn permezz ta' din l-ittra, qed jżomm responsabbli lill-Kunsill għall-ilma tax-xita li daħallu fil-proprjeta' tiegħhu minħabba (kif tgħid din l-ittra) il-Kunsill installa *road hump* fil-viċinanzi riċentament. Il-Kunsill iddiskuta l-kontenut u kien hemm qbil li l-problema hijiex minħabba r-road hump imma jista' jkun li peress li l-garage huwa mibni taħt it-triq l-ilma qed jaqa fil-propjeta tiegħu. Għalhekk sar qbil li l-Kunsill għandu jqabbad perit li fil-preżenza tal-avukata tas-Sur Camenzuli għandu jiġi spjegat dak li qed jiġri u kif il-Kunsill mhux responsabbli ta' din il-problema.

**4.0 Għeluq tas-sejha tal-interess għall-kera ta' post ċentrali biex jintuża bħala Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill**

4.1 Is-Sindku rrefera għall-offerta li l-Kunsill ħareġ għall-pubbliku. Huwa semma li għal din l-offerta kien hemm offerta waħda biss dik ta' €600 fix-xahar mitfgħa fis-Sur Joseph Mercieca. Il-Kunsill qabel unanimament li dan l-ammont huwa ħafna għall-budget li għandu l-Kunsill u għalhekk ma jistax jaċċetta din l-offerta.

4.2 Is-Sindku rrefera ghal post kbir li hemm fil-pjazza li huwa vojt u sema li jista' jkun għall-bejgh. Il-Kunsill iddiskuta dan il-post u kien hemm qbil li dan huwa ideali għal Kunsill għaliex jista jkun l-aħjar biex jista jinkludi s-servizzi kollha. Sar qbil li għandu jsir stharriġ dwar jekk huwiex għall-bejgħ.

**5.0 Aġġornament fuq il-proġett tal-EU taħt miżura 323**

5.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħat li huwa u s-segretarja kellhom maż-żewġ periti tal-proġett u kif wara dawn il-laqgħat t-tnejn li huma ser jibdew jippreparaw id-dokumenti tat-tenders fejn wara li jkunu lesti ser nkunu f'pozizzjoni li noħorġuhom għall-pubbliku. Ix-xogħol tanġibli mistenni jibda għaddej madwar sena oħra.

**6.0 Il-migja tat-taljani fostna – Ħames Anniversarju tal-Ġemellaġġ**

6.1 Is-Sindku rrefera għall-programm tal-attivitajiet tal-miġja tat-taljani fostna li kopja tiegħu tqassmet lil kull kunsillier. Il-programm ġie preparat mill-Kumitat tal-ġemellaġġ kif kien ġie maqbul mill-Kunsill. Is-Sindku ħeġġeġ lil kull kunsillier biex jipparteċipa f'dawn l-attivitajiet meta jridu. Huwa semma li d-delegazzjoni ser tkun magħmula minn 20 persuna. Sitta minnhom jiffurmaw id-delegazzjoni mħallsa mill-Kunsill filwaqt li l-oħrajn ser iħallsu €350 tal-ispejjes involuti.

6.2 L-attivita' principali biex tfakkar il-Ħames Anniversarju ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru u għaliha ser issir ikla fejn jista' jattendi l-pubbliku nġenerali u jħallas għaliha il- prezz ta' €10. Waqt din l-ikla ser issir serata ta' talent lokali.

## 7.0 Kampanja Lokalitajiet Indaf

7.1 Is-Sindku rrefera għall-preparazzjoni tal-ktejjeb għat-tfal li qed jiġi preparat b'konnessjoni mal-Kampanja Lokalitajiet Indaf kif imnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku espona draft tal-ktejjeb u l-Kunsill qabel li għandu jmexxi fuqu.

7.2 F'dan il-kuntest ġiet diskussa l-problema ta' ħmieġ tal-klieb fit-toroq. Sar qbil li għandhom jiġu ordnati żewġ tabelli sabiex minn joħroġ il-klieb għandu jara li jiġbor il-ħmieġ warajjhom. Għandha tiġi ordnata wkoll tabella oħra biex titwaħħal fil-playing field biex ma jsirx rimi ta' skart fl-għelieqi.

## 8.0 Ħarġa għar-residenti – Weekend break f'Malta

8.1 Is-Sindku rrefera għat-talba li saret minn diversi residenti sabiex tigi organizzata Weekend Break f'Malta. Sar qbil li għandna norganizzawha għal weekend ta' bejn is-19 u l-21 ta' Novembru 2010. L-avviż ta' din il-ħarġa għandu jinħareġ fuq l-avviżi tal-Kunsill.

## 9.0 Sistema ta' Water Reduction System

9.1 Is-Sindku rrefera għall-iskema ta' għoti ta' *water reduction filter* lil kull residenza f'San Lawrenz bħala parti mill-kampanja ekoloġika. Huwa semma li flimkien mas-Segretarja daru diversi stabilimenti fosthom F Caruana & Sons, Reno's Ironmongery, u Dominic Department Store li lkoll ikkonfermaw li m'għandhomx minn din is-sistema. Pero dan tal-aħħar, (Domnic Dept. Stores_) wera nteress li ser jara minn barra jekk dan il-prodott jeżistix. Fil-fatt huwa sab u bghat email jikkonferma li jekk jinxtraw 150, il-prezz ikun ta' €1.97 il-wieħed inkluz il-VAT. Isemma li x'aktarx li l-Crosscraft għandhom xi prodott simili. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil -Crosscraft u naraw jekk għandhomx dan il-prodott u jekk għandhom nistharrgu l-prezz tagħhom. Sar qbil li biex ma ntawlux aktar jiġu ordnati mingħand min ser joffri l-irħas prezz ghal dan il-prodott..

## 10.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

10.1 Is-Segretarja ppreżentat skeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni u ġew approvati lkoll.

## 11.0 Materji oħra

11.1 Is-Sindku rraporta fuq il-konferenza li mar jirrappreżenta lil Malta f'Dubrovnik. Huwa rrefera għal din l-esperjenza bħala waħda pożittiva ħafna u li tista tħalli l-frott. Huwa rraporta li ltaqa ma' artista żagħżugħa griega li tista tkun interessanti jekk nistednuha tiġi ttella' wirja bix-xogħol sabiħ tagħha meta ntellgħu l-

Mediterranean Jazz Festival. Huwa qal li ltaqa wkoll ma Kroat li huwa espert ta l-Universita ta' Zagreb dwar l-identita Mediterranja. Huwa qal li ser jitkellem ma l-Universita ta' Malta dwar dan bil-possibilita' li l-Universita Maltija tkun tista tgawdi mill-expertise ta' din il-persuna.

11.2 Is-Sindku rrefera għax-xogħolijiet li daqt jinbdew fit-Triq tad-Dwejra u Triq San Lawrenz. Huwa rrefera għal-laqgħa li kellu fil-Ministeru għal Għawdex mal-entitajiet involuti. S-Sindku wassal l-informazzjoni li għat-triq tad-Dwejra bħala servizz ser jerġa jinqala s-servizz tat-trinka tat-telefon u l-ilma u jsir bil-konkrit u hemm ukoll il-possibilita' li ta' xi widening tat-triq f'xi nħawi. Is-Sindku semma li x-xogħolijiet mistennija jibdew nhar it-Tnejn mit-Triq tad-Dwejra. Ix-xogħol fi Triq San Lawrenz mistenni jibda wkoll fil-gimgħat li ġejjin. Il-Kunsill qabel li sadanittant tajjeb li ssir manutenzjoni lit-triq ta' Għajn Abdul anke possibilment bit-tqaxxir tal-istess Triq tad-Dwejra biex tintuża bħala alternattiva għat-triq, il-Kunsill għandu jikteb lill-Ministeru dwar dan.

11.3 Is-Sindku semma li waqgħu xi ħitan mit-triq għal ġo l-għeqlieqi fl-inħawi magħrufa bħala tar-Rubba. Sar qbil li għandna niktbu lid-Direttorat fil-Ministeru għal Ghawdex biex jinbnew dawn il-ħitan.

11.4 Saru diversi rapporti ta' bozoz maħruqa u s-segretarja ħadet nota tagħhom biex jiġu rrapurtati u msewwija.

11.5 Il-Kunsill qabel ukoll li għandna naraw kif aħna fil-finanzi sabiex fil-kaz inkomplu l-aħħar kisja ta' Triq il-Wileg.

11.6 Sar qbil ukoll li għandna nkomplu nisħqu mal-kuntrattur sabiex titqaxxar u ssir mill-ġdid parti mit-triq ħdejn il-Perit Mizzi fi Triq Ċangura u wkoll parti minn Triq Karmnu Grima.

11.7 Il-Kunsillier John Mercieca reġa rrefera għat-talba sabiex isir passaġġ bil-konkrit fi sqaq fi Triq il-Wileġ u huwa talab li ta' lanqas issir l-pjazza tiegħu biss. Is-Sindku semma li l-problema biex isiru dawn huwa l-ispejjes għax b'hekk ikun qed jiftah ghal talbiet ohra simili aktar li ilhom ilhom żmien pendenti.

Il-laqgħa ntemmet fl-10:30 ta' filgħodu u sar qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar il-Ġimgħa 19 ta' Novembru fit-8:30 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| ***Noel Formosa*** | ***Lucienne Haber*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eze*****kuttiv** |